MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 1029/2006

**Hamid el Faiq (Passport no: M218387)**

**Vs**

**Christopher Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Novembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti xoghol ta' coving u zebgha fid-dar tal-konvenut l-Imtarfa, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut datata 22 ta'Jannar 2007 li permezz taghha eccepixxa illi preliminarjament it-talba attrici hija intempestiva stante illi x-xoghol li l-attur gie

inkarigat jaghmel baqa` inkomplet u x-xoghol li sar ma sarx skond l-arti u s-sengha u illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-konvenut ma huwiex debitur tal-attur fl-ebda somma ta’ flus.

Sema` x-xhieda ta’ l-attur Hamid El Faiq li waqt is-seduta tat-23 ta’ April 2007 xehed illi waqt illi kien qed jaghmel xoghol ghand Frankie Vella, kien gie l-konvenut fuq il-post u kien ghogbu x-xoghol u fuq inkarigu tal-istess konvenut kien beda xi xoghol ghandu. Frank Vella kien qallu li in kwantu flus seta` jserrah fuqu izda kien tkellem ma xi nies li qalulu li Chris Borg kien ibati biex ihallas. Kien jinforma lil Frankie Vella b’kull bicca xoghol li kien jaghmel ghand il-konvenut u dan kien jghidlu biex ihalli f’idu.

Jghid li meta kien talab xi hlasijiet lill-konvenut kien jghidlu li ma kellux flus fuqu izda Frank Vella kien ihallas il-pendenza ta’ Borg wara li jkun cempel lill-istess Borg.

Ix-xoghol li kien inkarigat jaghmel minn Chris Borg kienu xogholijiet ta’ bordura u zebgha, gewwa d-dar tieghu vicin ir-Rabat. Huwa jghid li x-xogholijiet ikkonkludihom u minn kont ta’ hames mitt Liri Maltin kien hallsu mitejn Lira Maltin u baqa` bilanc ta’ tliet mitt Lira Maltin. Meta kien spicca x-xoghol kien qieghed jillitika ma’ tal-madum u kien talbu johrog ‘l barra. Meta kien cempel lill-konvenut ghall-hlas fil-prezenza ta’ Frankie Vella kien qallu “*ara ma narakx fin-naha tieghi ghax jekk narak naqsmek bil-karozza*”.

Esebixxa kopja ta’ ricevuta (DOK HF1) – ta’ mitejn Lira Maltin li tah Frankie Vella ghax-xoghol maghmul ghand il-konvenut u li tindika li kien fadal bilanc ta’ Lm300 bil-firma tieghu u ta’ Frankie Vella.

Jghid li meta fetah il-kawza kien cempillu l-konvenut u qallu li ser ihallas.

In kontro-ezami l-istess xhud jikkonferma illi thallas il-Lm200 tal-bordura u jonqsu l-Lm300 tat-tibjid.

Sema` x-xhieda ta’ Andrew Barbara prodott mill-attur, li waqt is-seduta tas-27 ta’ Settembru 2007 xehed illi jaf li l-

attur ghamel xi xogholijiet izda ma jafx x'inhuma u m'ghandux ideja dwar hlasijiet. Ma jeskludiex li kien prezenti meta l-attur kien jitkellem ma' Frank Vella izda ma jiftakarx x'intqal.

In kontro-ezami jghid li wara li rceva t-tahrika cempel lill-attur biex jistaqsih dwar xiex harrku u nfurmah li ma kien jaf b'xejn. Jghid li fit-telefonata qallu biss li kienet kwistjoni ta' flus.

In ri-ezami jghid li dejjem jara lill-attur jahdem u jirsisti u ghamel ix-xoghol b'mod hafif u tajjeb f'dak li jirrigwarda r-restaurant.

Sema` x-xhieda ta' Rodhakanta Ghose li waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru xehed illi huwa jahdem fir-restaurant u jghid li ma jaf xejn dwar il-kwistjoni. Jghid li wara li rcieva l-karti mill-Qorti cempel lill-attur biex jistaqsih ghaliex kien harrkuh imbaghad qata` l-linja. Jghid li ma ntqalx diskors dwar kif kellu jixhed.

Sema` x-xhieda ta' Frank Vella li waqt is-seduta tat-8 ta' April 2008 xehed illi kien laqqa` lill-attur ma' Christopher Borg pero` ma jistax jghid fuq ix-xogholijiet li ghamillu ghaliex qatt ma kien mar ghand il-konvenut. Lanqas ma jaf xi ftehmu dwar hlasijiet. Jghid li kien hemm okkazjoni fejn kien hallas lil Hamid bil-kunsens ta' Christopher Borg li kien ikkumpensah ta' dak li hareg. Jghid li Hamid hallielu rcevuta. Jghid li ma jiftakarx kemm kien l-ammont.

In kontro-ezami jghid li meta ghamel il-hlas fehem li l-affarijiet bejniethom kienu qed jigu ssetiljati u li kien qed jithallas ta' kollox.

Sema` x-xhieda ta' Andrew Farrugia li waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008 xehed illi l-attur jahdem mieghu u jiftakar li darba minnhom kien hemm incident meta mar persuna fuq il-post tax-xoghol u bdew jitghajru hu u l-attur izda ma jaf xejn fuq il-kwistjoni.

Sema` x-xhieda tal-konvenut Christopher Borg li waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2009 xehed illi l-attur kien

qabbdu jaghmel xi coving fil-kmamar kollha. Fil-kors tax-xogholijiet innota li l-coving ma kienx ghal qalbu u l-attur qallu li biz-zebgha tigi tajba. Jghid li coving lehaq ghamel madwar erbat ikmamar u jikkalkula li lesta t-tibjid f’xi zewgt ikmamar minn erbgha. Jghid li l-materjal tal-coving xtrah hu u l-attur kellu biss jistallah. Jghid li x-xoghol tal-coving kien waqaf ghaliex kellu xi problemi fit-tqeghid tal-madum. Kien talab lill-attur jieqaf sakemm ilesti x-xoghol tal-madum u hu kien waqaf. Imbaghad kien irceva telefonata xi granet wara fejn Frankie Vella nfurmah li l-attur kien qed jitlob xi flus. Jghid li kemm dam jahdimlu kuljum tah xi flus. Jghid li zamm rendikont izda ma ghandux kopja taghha. Jghid li qal lil Frankie jissetilja mieghu imbaghad kien ihallas lil Frankie. Jghid li suppost Frankie ghamillu karta *in full and final settlement* pero` din il-karta ma rahiex. Jghid li kien rah xi xhur wara izda ma tkellmux fuq flus, imbaghad kien irecva l-kawa odjerna.

Sema` x-xhieda tal-konvenut in kontro-ezami fejn qal li huma kienu ftehmu li meta jlesti x-xoghol jithallas pero` kien beda jitolbu l-flus u beda jhallsu. Jghid li ma jiftakarx il-prezz li ftehmu ghall-coving u lanqas ghaz-zebgha pero` jiftakar li ma kienux ftehmu lump sum izda rata ghal kull kamra. Jghid li x-xoghol ma kienx gej ghal qalbu u anki meta bajjad ma giex ghal qalbu. Jghid li ma jiftakarx kemm kien hallsu b’kollox izda kien hallas kollox Frankie Vella. Jghid li kien jiehu notament ta kemm kien ihallsu cash mal-hajt izda llum il-hajt imbajjad u ma zammx notamenti. Jghid li Frankie kien hallsu ghas-saldu. Jghid li Dok HF1 a fol 9 huwa falz ghaliex it-timbru ma huwiex ta’ Shaukiwan. Jghid li ma ghamilx rapport dwar it-theddida fuq ibnu u jghid ukoll li Frankie ma tah kopji ta’ rcevuti jew skritturi.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi b’dawn il-proceduri, l-attur qed jitlob is-somma ta’ sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin

centezmu (€698.81) – gja Lm300 – bilanc minn somma akbar u prezz ta' xogholijiet ta' coving u zebgha maghmula fil-fond u fuq inkarigu tal-konvenut.

Illi minn naha tieghu, il-konvenut jsostni illi ebda somma mhi dovuta lill-attur u isostni ukoll l-intempestivita` tal-proceduri in kwantu illi x-xogholijiet ghandhom mhux kompluti.

Giet ppresentata DOK HF 1 (a fol 9) mill-attur li ighid illi dik hija ricevuta ta' Lm200 u jibqa` bilanc ta' Lm300 x'jithallsu.

Harsa lejn l-istess ricevuta u wiehed jinnota illi l-Lm200 thallsu ghax-xoghol tal-bordura u r-rimanenti Lm300 kienu bilanc ghax-xoghol ta' zebgha u tibjid. Fuq l-istess ricevuta, jirrizulta mill-provi illi hemm ukoll l-firma tal-attur u dik ta' Frank Vella, il-persuna illi effettwat il-hlas ta' Lm200.

Din l-ircevuta hija kkontestata mill-konvenut, anke jekk mhux tant b'success, peress illi huwa ighid illi  l-ircevuta hija falza. Jghid illi t-timbru hemmek maghmul mhux veru huwa tas-Shaukiwan Chinese Restaurant. Barra minn hekk l-istess konvenut isostni illi meta Frankie Vella hallas lill-attur, suppost li hallas ghas-saldu.

It-Tribunal irid jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet – ossia illi minn jallega irid jipprova. It-Tribunal gie ppresentat b'ricevuta illi tidher valida u cara. Jekk il-konvenut dehrlu illi kinet falza, u addirrittura ta r-raguni tieghu ghaliex jkien qed ighid hekk – messu l-ha l-passi kollha u ghamel it-talbiet kollha li dehrlu opportuni sabiex jipprova illi tali ricevuta, b'tali timbru hija fil-fatt falza. Dan, il-konvenut ma ghamlux.

Hekk kif ma rnexxilux jipprova illi l-hlas hemmek maghmul sar ghas-saldu. Apparti li l-istess ricevuta turi mod iehor – l-istess Frankie Vella, li tieghu hemm il-firma fuq l-istess ricevuta, ighid car illi ma jiftakarx kemm kien l-ammont mhallas imma kien biss qe djifhem illi l-hlas minnhu maghmul kien ghas-saldu. Anke l-sitess konvenut were

nuqqas ta’ kjarezza u certezza – meta qal illi *suppost* illi kien hallasx ta’ kollox. Bejn dak li suppost gara u l-ircevuta ppresentata, it-Tribunal irid jaghti piz akbar lir-ricevuta, li turi car illi - “risto” – kien fadal bilanc ta’ Lm300 x’jithallsu taz-zebgha u t-tibjid.

Il-konvenut, fix-xhiedha tieghu ukoll ma tantx ghen il-kawza tieghu stess meta dwar dawk li suppost huma hlasijiet ta’ spiss li ghamel lill-attur, ighid biss illi zamm rendikont izda ma ghandux konpa tar-rendikont tal-hlasijiet minnhu maghmula. Ghal darb’ohra min jallega irid jipprova – u millassjem tal-provi prodotti u mill-ezami, analazi u apprezzament tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal ma jistghax isib konfort ghat-tezi tal-konvenut.

Hekk kif ukoll ma jsibx konfort fit-tezi tal-konvenut meta fir-riposta jecepixxi l-intempestivita ta’ l-azzjoni u li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, filwaqt illi tul il-kawza jittanta jipprova il-hlas ghas-saldu.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, it-Tribunal, wara illi ra l-atti kollha, il-provi kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvneut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvneut ihallas lill-atturi, ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, is-somma ta’ sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81).

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------